

Brussell, 1 ta' Diċembru 2017  
(OR. en)

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2017/0248 (CNS)**

---

---

14893/17  
ADD 2

FISC 308  
ECOFIN 1031

#### **NOTA TA' TRASMISSJONI**

---

minn: Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,  
iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 30 ta' Novembru 2017

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-  
Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion: SWD(2017) 429 final

---

Suġġett: DOKUMENT TA' HĪDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT  
Li jakkumpanja d-dokument  
Proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament  
(UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-  
frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2017) 429 final.

---

Mehmuż: SWD(2017) 429 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 30.11.2017  
SWD(2017) 429 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-  
ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud**

{COM(2017) 706 final} - {SWD(2017) 428 final}

## Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt tal-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar miżuri biex tissaħħaħ il-koperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud

### A. Ftieġa li tittieħed azzjoni

#### Għalhiex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?

Il-frodi tal-VAT hija problema kostanti fil-livell tal-UE b'diskrepanza stmata ta' madwar EUR 160 biljun li minnhom bejn EUR 40 u 60 biljun jirriżultaw mill-frodi transfruntiera tal-VAT. Is-sitwazzjoni hija sforz id-dgħufijiet endemiċi tal-“arranġamenti tranżitorji” previsti fid-Direttiva tal-VAT li jippermettu li l-oġġetti u s-servizzi jinbiegħu mingħajr VAT fil-kummerċ intra-UE. Din il-proposta tindirizza tliet problemi prinċipali:

- il-“Frodi Intra-Komunitarja b'Negozjant Nieqes” (jew MTIC, magħrufa wkoll bħala “frodi karusell”) li ssir meta klijent jixtri oġġetti jew servizzi mingħajr VAT minn pajjiż ieħor u jiċċarġja l-VAT mingħajr ma jħallasha lura lill-awtoritajiet tat-taxxa filwaqt li l-klijent tiegħu jkun jista' jnaqqasha;
- il-frodi fuq il-bejgħ tal-karozzi użati meta jiġi ntaxxat biss il-marġni minflok l-ammont kollu tal-bejgħ; kif ukoll
- il-frodi marbuta mal-proċeduri doganali Nri 42/63 li skonthom il-VAT ma tridx titħallas fil-pajjiż tal-importazzjoni kif isir fl-arranġamenti normali tal-VAT, peress li l-oġġetti jiġu konsenjati lil negozju stabbilit fi Stat Membru ieħor.

#### X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?

L-għanijiet tal-inizjattivi huma li jipprovdu lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa b'għodod aktar effiċjenti u effettivi għall-ġlieda kontra t-tliet sorsi prinċipali ta' frodi tal-VAT li jitwettqu f'sitwazzjonijiet transfruntiera. Bl-użu u l-kondiviżjoni aħjar tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet u t-tisħiħ tal-Eurofisc, l-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri se jkun jistgħu jidentifikaw aħjar il-frodaturi, iwaqqfu l-frodi u fl-aħħar jiżguraw kundizzjonijiet ekwi għan-negozji.

#### X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

Għalkemm il-ġestjoni, il-ġbir u l-kontroll tal-VAT jaqgħu qabelxejn taħt il-kompetenza nazzjonali tal-Istati Membri, il-frodi tal-VAT tkun ta' spiss marbuta ma' tranżazzjonijiet transfruntiera fis-suq uniku. Il-frodi għandha impatt negattiv fuq il-funzjonament tas-suq uniku u tikkawża telf serju għall-baġit tal-UE. Għalhekk, l-UE implimentat strumenti ta' kooperazzjoni bil-organizzazzjoni ta' skambji ta' informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa u bl-appoġġ tal-attivitajiet ta' awditjar komuni u l-Eurofisc. It-titjib tal-effiċjenza ta' dawn l-għodod fil-livell tal-UE, b'mod partikolari billi jissaħħaħ il-Eurofisc, se joffri valur miżjud minn dak li jista' jinkiseb fil-livell tal-Istati Membri.

### B. Soluzzjonijiet

#### X'għażliet ta' politika leġislattivi u mhux leġislattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għalhiex?

Ġew identifikati 5 għażliet prinċipali b'għażliet sekondarji. Jekk jittieħdu flimkien bħala pakkett wieħed, l-għażliet kollha jtejb u s-sitwazzjoni attwali dwar il-frodi transfruntiera tal-VAT billi:

- Jimplimentaw l-ipproċessar u l-analiżi tad-dejta konġunti fil-Eurofisc;
- Jimplimentaw azzjonijiet konġunti ġodda fl-awditjar għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa u jtejb u l-koordinazzjoni tagħhom bil-Eurofisc;
- Jiżviluppaw l-iskambju ta' informazzjoni u ta' għarfien bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri fil-Eurofisc u l-awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi fil-livell tal-UE;
- Itejb u l-aċċess għad-dejta dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi;
- Jikkondividu l-informazzjoni doganali u dwar ir-reġistrazzjoni tal-VAT marbuta mal-proċeduri doganali 42/63 bejn l-awtoritajiet tad-dwana u tat-taxxa.

#### Liema għażla u min jappoġġaha?

<p>L-Istati Membri jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-ipproċessar konġunt tad-dejta u l-introduzzjoni ta' miżuri għall-ġlieda kontra l-frodi marbuta mal-proċeduri doganali 42/63. Anke l-aċċess għad-dejta dwar ir-reġistrazzjoni tal-karozzi kien appoġġat mill-Istati Membri, iżda fuq skala iżgħar.</p> <p>Partijiet ikkonċernati oħra huma favur l-implimentazzjoni ta' skambji awtomatizzati ġodda ta' informazzjoni u modi ġodda ta' kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Dawn jappoġġaw ir-rwol akbar tal-Eurofisc u esprimew opinjoni ġenerali pożittiva dwar l-awditi konġunti.</p>
<b>C. Impatti tal-għażla ppreferuta</b>
<b>X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?</b>
<p>Mhuwiex possibbli li jiġu vvalutati u kwantifikati l-benefiċċji fihom infushom tal-għażliet ippreferuti ewlenin.</p> <p><u>L-Istati Membri</u>: l-għażliet prinċipali koperti b'din l-inizjattiva mistennija jtejbu malajr u b'mod effiċjenti s-sitwazzjoni dwar il-frodi transfruntiera tal-VAT u għalhekk mistenni li jiddied id-dħul mill-VAT.</p> <p><u>In-Negozzji</u>: l-identifikazzjoni aħjar tal-frodaturi tista' tnaqqas il-kostijiet ta' konformità għan-negozzji involuti fil-kummerċ intra-UE.</p> <p><u>Is-Suq uniku</u>: mistenni li jkun hemm impatt pożittiv fuq il-funzjonament tiegħu peress li l-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT se tiżgura kundizzjonijiet ekwi għan-negozzji konformi fl-UE.</p> <p>L-impatti soċjali u ambjentali mhumiex sinifikanti.</p>

<b>X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?</b>
<p><u>In-Negozzji</u>: l-ebda kost addizzjonali. Il-proposta se tipprovdi l-kundizzjonijiet għall-użu u l-analiżi aħjar tal-informazzjoni diġà disponibbli.</p> <p><u>L-Istati Membri</u>: l-implimentazzjoni tal-proċess konġunt tad-dejta mhux se twassal għal kostijiet addizzjonali peress li jiġġarbu mill-programm Fiscalis. Id-dejta dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi u d-dejta doganali huma diġà disponibbli. L-għoti ta' aċċess awtomatizzat għall-informazzjoni lill-amministrazzjoni tat-taxxa jeħtieġ ċerti żviluppi limitati tal-IT. Madankollu, ma kienx possibbli li jiġu stmati l-kostijiet għaliex la ġie identifikat xi paragun riċenti u lanqas ma ngħata mill-Istati Membri.</p>
<b>Kif se jintlaqtu n-negozzji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?</b>
<p>In-negozzji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi mhux mistennija li jiġu affettwati b'mod negattiv b'din l-inizjattiva peress li mhux suppost twassal għal piżijiet amministrattivi u kostijiet ta' konformità addizzjonali.</p> <p>Jenħtieġ li dawn jibbenefikaw minn kundizzjonijiet ekwi aħjar u minn funzjonament aħjar tas-suq uniku.</p>
<b>Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?</b>
<p>Għalkemm xi għażliet jimplikaw kostijiet ta' żvilupp, il-baġits tal-Istati Membri se jibbenefikaw mill-istrumenti l-ġodda stabbiliti għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT. Dan il-qligħ ma jistax jiġi kwantifikat eżatt iżda huma previsti benefiċċji netti.</p>
<b>Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?</b>
<p>Din il-proposta se twassal għal skambju ġdid u pproċessar konġunt ta' informazzjoni dwar il-VAT, li jistgħu jinkludu d-dejta personali. Dawn jista' jkollhom impatt fuq id-drittijiet fundamentali. Madankollu, l-iskambji ġodda ta' informazzjoni u l-ipproċessar tad-dejta previsti b'din l-inizjattiva se jiġu strettament immirati u limitati għal dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet ta' din l-inizjattiva, jiġifieri l-ġlieda effettiva kontra l-frodi transfruntiera tal-VAT.</p>
<b>D. Segwitu</b>
<b>Meta se tiġi rieżaminata l-politika?</b>
<p>Skont l-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010, l-applikazzjoni tiegħu tiġi rieżaminata kull ħames snin. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni kull informazzjoni disponibbli rilevanti għall-applikazzjoni tar-Regolament (l-Artikolu 49) u, fost l-oħrajn, l-istatistika annwali.</p>